MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 168/2007/1

**Maria Galea**

**v.**

**Grace Borg**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Grace Borg li jghid hekk:

"1. Illi in segwitu ghall-mandat ta' sekwestru fin-numru u fl-ismijiet premessi l-esponenti permezz ta' cedola ta' depozitu numru 663/2001 ipprezentat fid-9 ta' Awissu 2001, iddepozitat garanzija bankarja u ottjeniet il-hrug ta' kontramandat 237/01; kopja tal-mandat ta' sekwestru

originali, tac-cedola ta' depozitu u kontromandat esebiti Dok A, B, C;

"2. Illi dan ir-rikors qed isir minhabba d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 836(7) tal-kodici ta' procedura civili li jippermetti illi ssir talba illi ghad [recte: att] jigi impunjat minkejja li ssir garanzija u jinhareg kontromandat; qed isir ukoll fis-sens ta' l-Artikolu 836(1) quddiem il-Qorti li qed titratta l-kawza;

"3. Illi din it-talba qed issir sabiex jigi redott jew revokat *in toto* jew *in parte* il-mandat originali u biex b'hekk tkun tista' tigi ridotta *pro tantum* il-garanzija bankarja u qed tigi proposta fit-termini ta' l-Artikolu 836(1)(d)(f) tal-kodici ta' procedura civili;

"4. Illi l-gustifikazzjoni tat-talba hija illi hemm sentenza ta' l-ewwel Qorti li cahdet it-talbiet ta' l-attrici, deciza 12 ta' Dicembru 2005, kopja annessa Dok. D u li minnha l-attrici ghamlet appell li ghadu pendenti;

"5. Illi a bazi ta' dan l-esponenti jidhrilha u hekk tissottometti illi l-kawtela ma ghadhiex iktar gustifikata f'dan l-istadju; filwaqt illi huwa minnu li s-sentenza ta' l-ewwel istanza tista' possibilment tigi revokata minn din il-Qorti hemm bdil mic-cirkostanzi originali fis-sens illi hemm gia` pronunzjament ta' l-ewwel Qorti soggett ghar-revizjoni tal-Qorti ta' l-Appell.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha redott [recte: jigi ridott] jew revokat *in toto* jew *in parte* il-mandat originali u biex b'hekk tkun tista' tigi ridotta *pro tantum* il-garanzija bankarja u jekk ikun il-kaz inkluz li din il-Qorti illi l-garanzija tigi rtirata jew ridotta."

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Dawn il-proceduri huma straxxiku ta' mandat ta' sekwestru (numru 3753/98) li Maria Galea harget kontra r-rikorrenti Grace Borg ghas-somma ta' Lm9,750, in kawtela ta' pretensjoni li l-istess Maria Galea iddeduciet b'kawza li ggib in-numru 1998/97. Din il-kawza giet deciza kontra Maria Galea b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Ottubru, 2005. Minn din is-sentenza, appellat l-imsemmija Maria Galea, liema appell ghadu pendenti.

Pendenti l-ezitu ta' l-appell, ir-rikorrent resqet dan ir-rikors biex titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru peress li, fil-fehma taghha, l-ammont mitlub mhux *prima facie* gusitifkat (Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u, f'kull kaz, mhux aktar ragjonevoli li jinzamm fis-sehh (Artikolu 836(1)(f)).

Din il-Qorti tosserva li l-mandati kawtelatorji kollha jigu mahruga fuq ir-responsabbilita` ta' min jitlobhom (Vol. XLVI.1.242), u mhux kompitu tal-Qorti li tinvestiga l-attentibilita` o meno tal-pretensjoni ta' l-allegat kreditur. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **P.J. Sutters Co. Ltd. v. Concept Ltd**, deciza fl-10 ta' Mejju, 2001,
"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza."

Issa hu veru li, f'dan il-kaz, it-talba tas-sekwestrant giet michuda mill-Prim Awla tal-Qorti Civili b'sentenza li ghadha m'ghaddiex in gudikat, pero`, ma jistax jinghad li, b'daqshekk, l-istess sekwestrant m'ghadx ghandha pretensjoni legali li tinsisti fuq li l-mandat jibqa' fis-sehh. Maria Galea ghad ghandha pretensjoni li ghaliha qed titlob sufragazzjoni, u ma jistax jnghad li m'ghandhiex il-bazi necessarja fil-ligi *prima facie* sabiex izzomm fis-sehh il-mandat.

Din il-Qorti thoss li kull ezami ulterjuri minn dan ikun qed jinvolvi ezami tal-fondatezza o meno tal-pretensjoni ta' l-intimata fil-mertu, li fil-fatt huwa l-bazi ta' azzjoni jew kawza bejn il-partijiet, u certament li ma ghandux jigi trattat f'dan l-istadju ghaliex altrimenti din il-Qorti permezz ta' din il-procedura tkun qed tmur oltre l-limiti taghha li huma strettament dawk ta' prima facie. Fil-fatt din il-Qorti thoss li dak li r-rikorrenti qed titlob f'dan l-istadju huwa kwazi ezami tal-mertu tal-kawza bejn il-partijiet, u certament li taht id-disposizzoni imsemmija din il-Qorti hija prekluza li taghmel dan - anzi ghandha tevita li taghmel dan.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talba ta' Grace Borg kif kontenuta fir-rikors taghha billi tichad l-istess talba, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------